Kunsill Reġjonali Ċentru

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 47

# IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

Il-Ħamis 25 ta' Marzu, 2021

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' onlajn permezz tal-programm Microsoft Teams, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI ONLAJN:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan
Dott. Albert Butigieg – Sindku San Ġiljan
Is-Sa. Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Stephen Sultana –Sindku Santa Venera
Is-Sa. Graziella Attard Previ – Viċi Sindku tas-Sliema
Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sur Trevor Fenech – Sindku San Ġwann
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

47.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

47.1.2 Il-membri preżenti aċċettaw din l-apoloġija.

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

47.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 46 li saret nhar il-Ħamis 25 ta' Frar 2021 kienu meħuda bħala moqrija.

47.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef.

## 47.3 Komunikazzjoni mill-President

*European Region of Sports 2023*

47.3.1 Il-President għamel referenza għall-applikazzjoni li kienet diġa ġiet diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Ċentru u kif nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu 2020 is-Sur Fenech Adami kien bagħat ittra ta' intenzjoni dwar dan il-proġett sabiex isir fuq bażi Reġjonali.

47.3.2 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid kif din l-ittra ġiet aċċettata aktar kmieni dakinhar u kif intbagħtu wkoll aktar dettalji fuq il-proġett. Dettalji dwar dan ser jaqsamhom mal-kumplament tal-membri sabiex kulħadd ikollu l-informazzjoni fuq dan il-proġett.

- *Aġġornament fuq il-Proġett 'Nudging Active Travel'*

47.3.3 B'referenza għal dan il-proġett, is-Sur Fenech Adami rrefera għal-*working document* li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand il-Profs Maria Attard fejn f'dan id-dokument ġie indikat fejn ser ikun qed jitwaħħal it-totem, ir-rottor, diżinn u *procurement* tat-totem.

47.3.4 Il-President żied jgħid kif Profs. Attard flimkien mat-tim tagħha ser tkun qed tikkomunuka mal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex din l-informazzjoni tkun diskussa u ffinalizzata.

- *Promozzjoni tal-proġett regjuncentru360*

47.3.5 Il-President spjega kif matul dawn il-ġimgħat hu kien għamel laqgħat ma' *media houses* f'Malta u s'issa kellu laqgħa ma' LovinMalta kif ukoll ma' Newsbook sabiex iġib kwotazzjonijiet bl-aħjar pakkett sabiex permezz ta' promozzjoni, ikun hawn aktar għarfien fuq dan il-proġett.

47.3.6 Is-Sur Fenech Adami spjega kif minħabba l-ammonti provduta, hemm bżonn li tinġieb kwotazzjoni oħra peress li l-ammont huwa bejn €500 u €5,000 (VAT eskluż) u għal din ir-raġuni, malli jkun hemm offerta oħra, din tiġi diskussa waqt il-laqgħa tar-Reġjun.

47.3.7 Is-Sindku ta’ Ta’ Xbiex, is-Sur Max Zammit, talab x’kien qed jiġi mitlub.

47.3.8 Il-President għamel referenza għall-artiklu li kien ġie ppublikat riċentament minn LovinMalta dwar il-lokalità ta’ San Ġwann u spjega kif jixtieq li l-proġett li kien sar jkun hawn promozzjoni fuq billi jsiru vidjows qosra ta’ tliet minuti u jkun muri fuq l-portal tagħhom – kemm fuq il-Facebook page kif ukoll fuq instgram.

47.3.9 Is-Sur Fenech Adami spjega kif, fl-opinjoni tiegħu, dawn huma żewġ *media houses* kbar li qed jilħqu l-ammont sostanzjali ta’ nies u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tibgħat dawn il-kwotazzjonijiet li waslu s’issa fuq ic-chat fit-Teams ta’ din il-laqgħa.

47.3.10 Is-Sindku ta’ l-Imsida, is-Sra. Margaret Baldacchino Cefai, talbet sabiex il-kwotwazzjonijiet ikunu aktar ibbilanċjata u jinġabru aktar kwotazzjonijiet.

47.3.11 Is-Sindku ta’ Ta’ Xbiex, is-Sur Max Zammit, qabel mas-Sa. Baldacchino Cefai.

47.3.12 Tqajmet diskussjoni bejn il-membri dwar it-tipi differenti ta’ *news portals* li joffru dan is-servizz hawn f’Malta.

47.3.13 Il-President ippropona sabiex is-Sur Zammit kif ukoll il-membri jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom u l-informazzjoni miġbura tkun tistà tintbagħat lill-membri għal deċiżjoni. Eventwalment tkun tistà ssir laqgħa ma’ dawk li jespremew l-interess sabiex ikun jistà jipprovdu kwotazzjoni għal dak li hemm bżonn.

47.3.14 Hu żied jgħid kif il-kwotazzjonijiet miġbura għandhom jiġu ppreżentati waqt laqgħa tar-Reġjun sabiex tittieħed deċiżjoni.

## 47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

47.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi mistoqsijiet li xtaqu jressqu.

43.4.2 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija, il-President mexa fuq l-item li jmiss ta’ l-aġenda.

## 47.5 Rapporti

47.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kienx hemm rapporti x’jiġu ppreżentat f’din il-laqgħa minħabba li matul din il-ġimgħa kien qed isir l-awditjar mill-kumpanija Grant Thornton.

## 47.6 Korsijiet provduta mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

47.6.1 B’referenza għall-laqgħa preċedenti tar-Regjun, il-President spjega kif il-lista ta’ korsijiet li jistgħu jiġu offruti mir-Reġjun kienu ntbagħtu lill-membri mingħand is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma’ l-Aġenda tal-laqgħa.

47.6.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif dawn il-korsijiet kien ipproponihom hu. Madanakollu ftit wara li ntbagħtet l-Aġenda, is-Sur Max Zammit għadda l-proposti tiegħu u ġew ippreżentati f’din il-laqgħa.

47.6.3 Is-Sur Max Zammit spjega kif fl-aħħar laqgħa kien hemm qbil sabiex hu jkun jistà jressaq proposti b’korsijiet ġodda bl-istess ammont li kienu ser isiru ż-żewġ korsijiet li kien ppropona l-President fil-laqgħa preċedenti.

47.6.4 Is-Sur Zammit spjega kif din il-pandemija ġabet magħha diversi ostakli, fosthom l-abilità li ġenituri jew nanniet li għandhom bżonn ikunu jafu kif jużaw Microsoft Teams jew ZOOM sabiex jgħinu lit-tfal fil-lezzjonijiet onlajn.

47.6.5 Is-Sur Zammit kompla jgħid kif hu kien avviċina lit-TCTC sabiex jara x'pakkett jistgħu joffru lir-Reġjun bl-ammont ta' madwar €16,000 u spjega kif din il-kumpanija ħadet ħsieb biex il-maġġoranza tal-korsijiet offruti jkunu addattati li jiġu provduti onlajn kif ukoll li kull kors li jiġi offrut huwa wkoll akkreditat.

47.6.6 Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, talab kjarifika dwar jekk ir-Reġjun ikunx jistà jgħażel uħud mill-korsijiet jew hux bilfors irid jittieħed bħala pakkett sħieħ.

47.6.7 Is-Sur Zammit spjega kif hu ppropona dan il-pakkett peress li kien ibbażat fuq il-preżż li kien ressaq is-Sur Fenech Adami fil-laqgħa preċidenti biż-żewġ korsijiet. Hu żied jgħid kif ikun aħjar jekk issir laqgħa mat-TCTC biex flimkien ikun hemm deċiżjoni aħjar.

47.6.8 Il-President esprima l-opinjoni tiegħu dwar il-kumpanija TCTC u ressaq fuq il-mejda l-proposti li hu kien ressaq flimkien ma' l-Aġenda u dawn ġew diskussi bejn il-membri preżenti.

47.6.9 Il-membri preżenti komplew b'diskussjoni fit-tul dwar dawn il-proposti.

47.6.10 Is-Sur Zammit talab sabiex jittieħed vot.

47.6.11 Il-President informa lill-membri li hu kien talab direzzjoni mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-ebda vot ma huwa validu li jittiehed waqt laqgħa jekk mhux avżat fuq l-Aġenda u kif din ser tiġi enfasizzata mill-llum 'il quddiem.

47.6.12 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, ippropona sabiex issir *poll* fuq il-paġna uffiċċjali tal-Facebook tar-Reġjun sabiex naraw x'inhi d-domanda mingħand in-nies u għandhom jitqassmu skond is-suġġett.

47.6.13 Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, qabel perfettament ma' dak li ġie ppoponut mis-Sur Conrad Borg Manche.

47.6.14 ***18:40pm – is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

47.6.15 Is-Sur Zammit talab sabiex ma jkunx hemm aktar korsijiet miżjuda ma' dak li kien imressaq f'din il-laqgħa.

47.6.16 Kien hemm qbil dwar dan u sar qbil ukoll sabiex ir-riżultati mill-poll jiġi diskussi fil-laqgħa li jmiss.

47.6.17 ***18:48pm - Is-Sindku ta' San Ġwann, is-Sur Trevor Fenech, talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa minħabba impenn ieħor.***

47.6.18 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex il-poll tittella fuq il-paġna tal-Facebook tar-Reġjun u l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jgħamlu *share* tal-*poll.* Fil-poll ser ikun hemm l-isem tal-kors biss u l-ismijiet tal-kumpaniji jew NGOs mhux ser ikunu qed jissemmew.

## 47.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Fondi – Proġetti fil-Komunitajiet*

47.7.1 Is-Sur Fenech Adami ressaq fuq il-mejda komunikazzjoni li kienet intbagħtet mill-LESA dwar l-investiment mill-Aġenzjija LESA ta' tlett miljuni mqassma fuq tlett snin.

47.7.2 Il-President spjega kif wieħed jistà japplika bħala Kunsill Lokali kif ukoll bħala proġett Reġjonali u għal din ir-raġuni talab lill-membri sabiex iressqu l-proposti tagħhom mill-aktar fis possibli sabiex dawn ikunu

jistgħu jiġu diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss peress li d-data ta' l-għeluq hija sa' l-Erbgħa 31 ta' Marzu 2021.

47.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni hekk kif il-Kunsilli Lokali jistgħu japplikaw b'mod individwali pero jistà wkoll jitressaq applikazzjoni bħala Reġjun li minnu jkun qed jolqot il-Kunsilli Lokali kollha fi ħdanu.

47.7.4 Dott Angelo Micallef spjega kif din ġiet diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill u sabuha diffiċċli jsibu proġett għal lokalità waħda u ser tkun aktar problematika aktar biex jinstab proġett bħala Reġjun.

47.7.5 Il-President qabel ma' dan is-suġġeriment madanakollu ħeġġeġ lill-membri sabiex iresqu proposti ta' proġetti li jistgħu jsiru fuq bażi Reġjonali għal laqgħa li jmiss.

- *Kunsill Lokali Ħal Lija*

47.7.6 Is-Sur Fenech Adami ressaq fuq il-mejda talba sabiex mill-fondi taħt Skema Finanzjarja numru 1/2020 jkunu jistgħu jinbidlu tliet fanali fi Sqaq Numru 1, Triq il-Kunċizzjoni, Ħal Lija.

47.7.7 Il-Membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kuntratt għal Servizz ta' Mechanical Engineer*

47.7.8 B'referenza għal dan il-kuntratt, il-President spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv tablet direzzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali u nfurmawna kif il-kuntratt li dan ir-Reġjun għandu fil-preżent għandu jiġġedded kull xahar sakemm jidħol fis-seħħ il-Kunsill Reġjonali l-ġdid.

47.8.9 Il-President spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lill-kuntrattur preżenti dwar dan bil-miktub.

- *Servizz ta' l-Uffiċċjali fil-Komunità*

47.8.10 Il-President ressaq fuq il-mejda emejl mingħand is-Sindu ta' San Ġiljan, Dott. Albert Buttigieg, u talab lil Dott. Buttigieg sabiex jispjega aħjar il-problema.

47.8.11 Dott. Butiġieg xtaq jara l-opinjoni tal-membri dwar l-ipejjeż mitluba mill-LESA fuq il-gwardjani Lokali. Fejn il-gvern qed jgħamel l-isforż biex tinżamm l-enforcment umbad qed jiġi mitlub iħallas l-ispejjeż il-Kunsill. Hu jemmen li dan ix-xogħol għandu jsir bħala parti mix-xogħol devolut lill-Aġenzija

47.8.12 Is-Sur Fenech Adami ssuġġerixxa li għandha tintbagħat komunikazzjoni b'mod uffiċċjali lill-lesa dwar dan u anke titntalab laqgħa onlajn mas-Sur Svetlick Flores sabiex dan is-suġġet jiġi indirizzat.

47.8.13 Is-Sur Fenech Adami ssuġġerixxa li fil-laqgħa għandu jkun hemm ukoll uħud mill-membri preżenti sabiex isosstnu l-argument.

47.8.14 Is-Sur Stefan Cordina esprima l-appoġġ tiegħu lil Dott. Buttiġieg u hu spjega kif fil-preżent morna f'żewġ estremezjonijiet fejn gwardjani qed jmorru kmieni filgħodu u dejjem fl-istess postijiet għax jafu li hemm problema ta' parkeġġ.

47.8.15 Dott. Buttiġieg spjega kif l-ebda kunsill Lokali m'għandu allokazzjoni biex jonfoq l-fondi tiegħu fuq dan is-servizz u anke s-somma fiha nniffisha hija ċifra kbira.

47.8.16 Is-Sur Cordina żied jgħid ukoll fuq is-CCTV cameras li dawn ġew aktar avvanzati u qed jinħarġu ħafna ċitazzjonijiet anke meta tkun

47.8.17 Is-Sur Conrad Borg Manche suġġerixxa li meta tintalab laqgħa, għandha tintbagħat ukoll lista b'dawn il-punti li ġew imqajma matul din il-laqgħa.

47.8.18 Il-President ikkonferma li għandha tintalab laqgħa u data u ħin tiġi kkomunikata malli jkun hemm risposta mingħand il-LESA.

- *Tariffi Ġodda tal-BOV*

47.8.19 Il-President informa lill-membri dwar it-tariffi l-ġodda li ser ikunu implimentati mill-BOV mill-15 ta' Mejju 2021 u kif is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali peress li dan ir-Reġjun ser ikun affetwat minħabba l-ammont li kien ġie trasferit mid-DGL f'Diċembru 2020.

47.8.20 Il-President ikjarifa kif madwar €800,000 minn dawn il-fondi huma relatati mal-fondi li ġew mgħoddija temperonjament lir-Reġjun mid-DGL U żied jgħid li dan ir-Reġjun għadu qed jistenna direzzjoni bil-miktub mingħand id-DGL.

- *Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta*

47.8.21 Il-President għamel referenza għall-komunikazzjoni li kienet intbagħtet minn din l-Aġenzija u spjega kif il-Kunsilli Lokali ta' l-Iklin, Balzan, Attard, Imsida, Ta' Xbiex u Ħal Lija kienu nfurmaw lir-Reġjun bl-interess tagħhom.

47.8.22 Is-Sur Fenech Adami spjega kif lokalità waħda biss ser tkun qed tirrappreżenta lir-Reġjun kollu.

## 47.8 Vakanza Għal Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali tar-Reġjun – Skala 13 (Full Time)

47.8.1 B'referenza għal din il-vakanza, il-President spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmat lill-President dwar diversi nuqqasijiet li kienet qed tara mill-impjegata u wara diversi laqgħat ma' l-impjegata, s-Sra. Jeanette Galea, iddeċidiet li dan l-impjieg għandu jiġi terminat b'mod immedjat.

47.8.2 Is-Sur Fenech Adami spjega r-raġunijiet għalfejn din l-impjegata ma kelliex tibqa u kompla jgħid kif riedet tittieħed deċiżjoni b'mod speċjali minħabba li l-*probation period* kien riesaq u għal dan il-għan intalab parir mingħand is-Sur Gejtu Vella.

47.8.3 Għal dan il-għan, l-impjieg ġie terminat nhar il-Ħamis 4 ta' Marzu 2021u ngħatat ġimgħa paga sal-Ħamis 11 ta' Marzu 2021.

47.8.4 Għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv talbet direzzjoni mingħand id-DGL sabiex tkun tistà tipproċedi bis-sejħa ta' din il-vakanza.

47.8.5 Is-Sur Fenech Adami spjega kif il-Jobplus infurmaw lir-Reġjun sabiex jipproċedi bis-sejħa esterna u għal din ir-raġuni l-avviż ġie ippublika nhar il-Ġimgħa 12 ta' Marzu 2021 fuq il-Gazzetta tal-Gvern, Times of Malta, il-Malta Independent u fuq il-paġna uffiċċjali ta' Facebook.

- *Rifużjoni fuq l-ispejjez mill-LESA*

47.8.6 Il-President aġġorna lill-membri preżenti dwar il-fondi li dan ir-Reġjun għandu jieħu mingħand il-LESA fuq rifużjoni ta' spejjeż li kienu saru mir-Reġjun mill-2015 sal-2018.

47.8.7 Is-Sur Fenech Adami spjega kif sal-ġurnata tal-laqgħa, dan ir-Reġjun kien irċieva l-ewwel żewġ pagamenti li jammontaw għall €97,690.18 u f'Marzu 2021 kien jonqos li jintbagħat pagament ieħor ta' €48,845.09.

47.8.8 Hu żied jgħid kif għal din ir-raġuni, hu kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex isir il-workings kif kien isir qabel.

47.8.9 Kien hemm diskussjoni bejn il-membri fuq il-figuri u s-Segretarju Eżekuttiv offriet li tibgħat il-*workings* għal kif waslu b'dawn il-figuri permezz ta' emejl.

47.8.10 Il-membri qablu dwar u dan u fakret lill-membri kif dawn il-fondi għandhom jiġu utilizzati biss fi proġetti fejn il-Kunsill Lokali għandu jressaq it-talba tiegħu lir-Reġjun umbad jiġi rifonduti wara li jkunu issottomettew id-dokumenti meħtieġa.

47.8.11 Dott Buttieġieġ talab li l-flus jingħataw mill-ewwel lil dawk il-Kunsilli Lokali li jkollhom problema bil-*cash flow.*

47.8.12 IL-President, is-Sur Fenech Adami, spjega li talba bħal din tiġi aċċettata u fakkar lill-membri kif dawn il-fondi m'għandhomx jintużaw biex jitħalsu kuntratti obligatorji bil-liġi.

47.8.13 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll kif dawn il-proġetti għandhom isiru sa' Lulju 2021 peress li f'Novembru 2021 ser ikun hemm ir-Reġjun il-ġdid.

47.8.14 Dott Butigieg ġibed l-attenzjoni kif ċertu proġetti qed ikollu problema minħabba d-dewmien mill-Planning Authority sabiex jingħataw l-approvazzjoni.

47.8.15 Is-Sur Fenech Adami spjega kif ftit tal-ġranet qabel din il-laqgħa, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun kellu laqgħa mal-Perit Mallia fuq proposta li ser titressaq minn NGO u ħeġġeġ lill-membri sabiex jgħamel laqgħa mal-Perit jekk ikun hemm bżonn xi għajnuna jew jixtieq jgħamel xi domandi qabel jgħamel xi proġett.

47.8.16 Tqajment diskussjoni bejn il-membri dwar Il-Periti tal-Kunsilli Lokali u l-Contracts Manager.

47.8.17 Il-membri qablu mal-figuri mgħotija.

47.8.18 Il-President għamel referenza għall-applikazzjoni man-Neptunes Club fejn ser isir kuntratt bejn ir-Reġjun flimkien ma' dan il-klabb sabiex meta jitlesta l-proġett bil-*heating system* ġdida, għandu jkun hemm ġranat u ħin għal meta jkunu jistgħu jgħamel użu minnu nies anzjani li jgħixu fi ħdan ir-Reġjun.

47.8.19 Il-President għamilha ċara kif din l-applikazzjoni qed titressaq sabiex jintużaw mill-fondi li huma allokati għalL-NGOs u ma jkunux qed jitnaqqsu mill-allokazzjoni taL-Kunsill Lokali rispettiv.

- ***Skemi Finanzjarji***

47.8.20 Il-President spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet qed tibgħat diversi emejls lill-Kunsilli Lokali sabiex naġġornaw l-informazzjoni meħtieġa u jintbagħtu d-dokumenti meħtieġa sabiex jinħarġu r-rimborż ta' l-ispejjeż.

47.8.21 Dott Buttigieg talab sabiex kull komunikazzjoni li tinħareġ mir-Reġjun għandu jkun hemm is-Sindku wkoll ippkujat.

47.8.22 Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

## 47.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

47.9.1 Is-Sindku ta' San Ġiljan, Dott. Albert Buttigieg, sekondat mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 43A u 43B.

47.9.2 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 47.10 Mozzjonijiet

47.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

47.10.2 Il-President xtaq jgħid nota qasira qabel ma tintemm il-laqgħa rigward is-sitwazzjoni tas-Segretarji Eżekuttivi u l-azzjonijiet industrijali li kienu bdew il-ġurnata ta' qabel din il-laqgħa.

47.10.3 Is-Sur Fenech Adami spjega fi ftit kliem dwar il-proposti li kienu nkorporati fil-manifest elettorali fejn kienu mwegħdin li s-Segretarju Eżekuttivi għandhom jitilgħu Skala 4.

47.10.4 Is-Sur Fenech Adami spjega kif minħabba s-sitt impjegati ġodda mar-Reġjun fuq skala 7, is-Segretarju Eżekuttivi tar-Reġjuni talbu sabiex ikunu skala 5 u kif din għandha tiġi kkunsidrata fuq bażi separata pero din it-talba ma ġiet aċċettata.

## 47.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

47.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 28 ta' April, 2021 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 27 ta' Mejju, 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |